MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 799/2004

**Awtorita` Marittima ta' Malta**

**vs**

**Pierre William Bountempo**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-Awtorita` Marittima wara li ppremettiet:-

Illi l-konvenut huwa negozjant fil-qasam ta' l-ivjaggar u "*travel agency*", kif ser jirrizulta mill-provi.

Illi permezz ta' kuntratt datat 23 ta' Marzu, 2001 fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia (kopja annessa bhala dok "A"), il-konvenut ikkostitwixxa ruhu debitur ta' l-awtorita attrici, *in solidum* ma' *Centre Travel Company Limited* ghas-somma ta' sebat elef, mitejn u sitta u sittin lira Maltija u wiehed u

tletin centezmu (Lm7266.31), liema somma hija certa, likwida u dovuta, u tirraprezenta prezz ta' "*passenger services*" u "*on call and shipping conference services*" rekati lill-konvenut, drittijiet notarili u interessi legali.

Illi l-kuntratt imsemmi gie rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali fl-ismijiet premessi datata 12 ta' Gunju 2001 u notifikata nhar is-16 ta' Gunju, 2001 (dok B).

Illi l-konvenut huwa wkoll debitur ta' diversi kredituri ohra u gew intavolati kontrih diversi mandati ezekuttivi u kawtelatorji kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. “C”.

Illi jidher ghalhekk li l-konvenut Pierre Buontempo waqaf mill-hlas tad-djun tieghu u jinsab fi stat ta' falliment, *ai termini* ta' l-artikolu 477 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi ghalhekk l-istess Awtorita` Marittima tablet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenut Pierre-William Buontempo jinsab fi stat ta' falliment;

2. tiffissa d-data tal-falliment imsemmi;

3. tiddikjara il-falliment tal-konvenut minn dik id-data li tiddeciedi l-Onorabbli Qorti; konsegwentement;

4. tinnomina kuratur ta' l-istess falliment.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-Awtorita` Marittima;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Awtorita` Marittima inkluz din ta' Aldo Testone li biha gew esebiti diversi sentenzi tal-Qorti mmartkati Dok AJ1 sa Dok AJ5;

Semghet l-Avukat tal-Awtorita` Marittima;

Ezaminat l-atti tal-kawza u l-atti kollha esebiti, inkluz l-affidavit ta' Ray Spiteri;

Rat il-verbal tallum 22 ta' Marzu 2006;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw ippruvati;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talbiet tal-Awtorita` Marittima** kif dedotti fic-citazzjoni b'dan illi:

1. tiddikjara li l-konvenut Pierre-William Buontempo jinsab fi stat ta' falliment;

2. tiffissa d-data tal-falliment imsemmi bhala dik tat-12 ta' Gunju 2001;

3. tiddikjara il-falliment tal-konvenut mit-12 ta' Gunju 2001;

4. tinnomina bhala kuratur ta' l-istess falliment lil Dr Louis Cassar Pullicino.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------